

Testimonjanza, Olga Kikou, organizzatriċi tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, "End the Cage Age"

Hello, jien Olga Kikou, waħda mill-organizzaturi ta' waħda mill-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej li rnexxew, wara li nġabru aktar minn 1.6 miljun firma u nqabeż il-limitu f'21 Stat Membru.

Mill-esperjenza tagħna tgħallimna żewġ affarijiet dwar il-ġbir tal-firem. Waħda minnhom hija li trid tiżviluppa network li tista' tiddependi fuqu, network ta' nies u organizzazzjonijiet li jappoġġjaw il-kawża tiegħek. It-tieni waħda hija li trid tagħti ħafna attenzjoni lill-kampanja online tiegħek.

Waħda mill-ewwel affarijiet li ddeċidejna li nagħmlu kienet li niżviluppaw dan in-network. Fl-aħħar irnexxielna niksbu l-appoġġ minn madwar 170 federazzjoni u organizzazzjoni mill-Ewropa kollha biex jingħaqdu magħna u impenjaw ruħhom li jxerrdu l-kelma huma stess. Din kienet storja kbira ta' suċċess, iżda involviet ukoll ħafna ppjanar u ħafna xogħol min-naħa tagħna wkoll.

Xi ħaġa li illum hija importanti ħafna hija l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-firem jinġabru online, u mhux fuq il-karta. Din hija xi ħaġa li nbidlet matul is-snin. Fil-passat il-kampanji kellhom wiċċ pubbliku ħafna u kienu jseħħu fil-pjazez, fit-toroq, jittkellmu direttament man-nies; issa dan inbidel, għalhekk kellna ninbidlu wkoll. Il-media soċjali saret għodda importanti ħafna, biex l-ewwel nett ixxerred il-messaġġ, u t-tieni, fil-ġbir tal-firem.

Tagħlima importanti għalina kienet il-parteċipazzjoni volontarja. Aħna niddependu fuq il-voluntiera. Jeħtieġ li jkollna voluntiera mill-Ewropa kollha. L-IĊE mhix biss għodda nazzjonali, hija għodda tal-UE, għalhekk jeħtieġ li jkollna preżenza f'ħafna pajjiżi u tabilħaqq ma nistgħux naffordjaw nagħmlu dan mingħajr voluntiera - ċittadini li jieħdu ħsieb il-kwistjoni, li mbagħad jieħdu din il-kwistjoni u jxerrdu l-messaġġ f'pajjiżhom stess.

Matul il-proċess tal-IĊE, minn meta bdejna l-ġbir tal-firem, rajna li hemm moviment kbir fil-bidu, ħafna ċittadini jiffirmaw; madankollu, aktar tard, forsi wara xahar, jew xahrejn, jew tliet xhur, in-numri għandhom it-tendenza li jonqsu, għalhekk jeħtieġ li tkun lest li tiffaċċja dan, jeħtieġlek toħroġ b'għodod oħra u b'modi oħra biex terġa' tibda tattira l-firem.

Nixtieq nenfasizza li l-fatt li tinvolvi ruħek f'IĊE, u tibda IĊE bħala organizzatur huwa proċess ikkumplikat. Dan jinvolvi ħafna ħin u ħafna nies jaħdmu flimkien. Għalhekk, ma rridx noħloq xi tamiet fiergħa li din hi xi ħaġa ħafifa biex tagħmilha. Mhix! Hija pjuttost diffiċli, tiegħu ħafna ħin u tiegħu ħafna ppjanar; u għandek bżonn ħafna nies. Anke jekk l-idea hija tajba, l-idea waħedha xorta waħda mhix se taħdem, jekk oħrajn mhumiex involuti u impenjati li jwettquha.

Il-Forum jasal fi żmien tajjeb ħafna, għaliex diġà kellna l-esperjenza ma' għadd ta' Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej u numru mhux żgħir minnhom irnexxew, għalhekk hemm ħafna nies li

tista' tiddependi fuqhom biex tiddiskuti l-ICE tiegħek, biex titgħallem mill-esperjenza tagħhom u biex tara u tippjana wkoll il-ħidma tiegħek fil-futur. Għandna ħafna individwi, ħafna ċittadini li pparteċipaw b'mod attiv fl-Inizjattivi ta' Ċittadini Ewropej, kif ukoll ħafna organizzaturi, u tista' tiddependi fuqhom biex jipprovdulek informazzjoni. Għalhekk, dan huwa proċess ta' taġlim filwaqt li titgħallem minn dak li ġara fil-passat, iżda wkoll tippjana għall-ġejjieni. Sakemm tifhem dawn l-esperjenzi tajbin minn ħaddieħor, tisma' lil ħaddieħor, u tkun tista' wkoll tistaqsi mistoqsijiet, se tkun f'pożizzjoni tajba ħafna biex tibda l-ICE tiegħek stess.

Mela ejja u ngħaqad mal-Forum magħna! Ejjew niddiskutu x'inhuma l-pjanijiet tiegħek, ejjew naraw x'tixtieq tagħmel, u nitgħallmu minn xulxin. Nistennew bil-ħerqa li naħdmu miegħek fil-futur!